# L-IŻBILANĊI EKONOMIĊI



EDWARD SCICLUNA /Ministru għall-Finanzi



Ma tantx huwa kumplimentuż li tgħid lil xi ħadd li għandu argument żbilanċjat, għax il-kelma żbilanċ għandha konnotazzjoni negattiva peress li fil-ħajja nippruvaw nilħqu l-bilanċ u mhux l-iżbilanċ. Mela ara kemm huwa aktar offensiv jekk tgħid lil dak li jkun li huwa żbilanċjat kollu kemm hu!

Fl-ekonomija wkoll jeżistu l-bilanċi u l-iżbilanċi. Hemm fil-fatt dawk li ngħidulhom l-iżbilanċi makroekonomiċi. Meta pajjiż jimporta iżjed milli jesporta, ikollu problema ta' defiċit u jrid jara minn fejn se jġib il-flus. Dan għax jekk ma jbigħx, mhux se jaqla' biżżejjed biex ikun jista' jixtri, u allura jinħoloq żbilanċ. Dan nistgħu inxebbhuh ma' miżien b'keffa li qiegħda 'l isfel u l-oħra 'l fuq.

Ta' min jinnota li biex dan il-miżien jibbilanċja, iż-żewġt ikfief iridu jiċċaqalqu; sew il-keffa t'isfel trid togħla u dik ta' fuq titbaxxa.

Allura f'sistema ekonomika, xi jrid isir jekk irridu bilanċ? Min irid jikkoreġih? Skont il-politika, li jiġri huwa li min ikun b'saħħtu jagħmel pressjoni fuq min hu dgħajjef biex l-iżbilanċ negattiv jirranġah.

Niftakru kif fis-Sebgħinijiet, kien hemm pressjoni fuq kull min kellu żbilanċ biex jiżvaluta l-munita tiegħu. Ir-Renju Unit, pereżempju, kellu jiżvaluta l-Isterlina fl-1967. Bl-istess mod l-Amerika, li minħabba l-gwerra tal-Vjetnam bdiet tixtri u tonfoq mingħajr ma tesporta biżżejjed, fl-1971 kellha tiżvaluta d-Dollaru. F'dan il-każ partikolari l-effetti kienu kbar, għax sa dakinhar is-sistema internazzjonali tar-rati tal-kambju kienet waħda fissa. Mal-iżvalutar tad-Dollaru spiċċajna bir-rati tal-kambju flessibbli.

Fl-ambitù Ewropew, speċjalment fiż-żona ewro, qegħdin fl-istess baħar. Fissens li r-rata tal-kambju hija fissa għal dawk il-pajjiżi li huma membri taż-żona ewro għax jużaw l-istess munita u allura, m'hemmx iżjed rata tal-kambju xi tbiddel. Għaldaqstant, jekk ikun hemm żbilanċi irridu naraw kif se jikkoreġu ruħhom.

Hawnhekk nitkellmu fuq il-Greċja, il-Portugall, Spanja u l-Italja li huma pajjiżi li kellhom żbilanċi negattivi, u jbatu mhux biss minn dgħufija ekonomika marbuta mad-defiċit u mal-kummerċ, iżda wkoll dgħufija permezz ta' defiċits u djun akbar governattiv. Dawn il-pajjiżi kellhom pressjoni kbira biex isibu bilanċ intern u estern, u għalhekk, qabel ma kisbu s-self meħtieġ, kellhom jagħmlu sagrifiċċji kbar.

Iżda rridu nżommu f'moħħna l-fatt li l-bilanċi negattivi ta' xi ħadd huma l-bilanċi pożittivi ta' ħaddieħor. Mela lill-pajjiżi li semmejna qabel, li għandhom żbilanċ negattiv, għidnielhom biex jagħmlu xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni tagħhom. Iżda lill-pajjiżi sejrin tajjeb bħal per eżempju l-Ġermanja u l-Olanda u għandhom żbilanċ pożittiv, ħadd ma qalilhom biex jagħmlu xi ħaġa.

Għalhekk issa qiegħda tinħoloq kontroversja, li jekk aħna rridu lill-pajjiżi d-dgħajfa biex jikkoreġu ruħhom, għalfejn il-pajjiżi b'saħħithom ma għandhomx jagħmlu l-parti tagħhom ukoll ġaladarba għandhom dak li ngħidulu l-ispazju fiskali, li joħolqu iktar xogħol li jkabbru iktar domanda li twassal biex iżidu l-importazzjoni tagħhom mill-pajjiż li għandhom bżonn iżidu l-esportazzjoni tagħhom, bħall-Greċja?

Dawn il-pajjiżi b'saħħithom ma jridux jaċċettaw dan l-argument. Bħal ma fil-fatt m'aċettawhx il-Ġappun u l-Ġermanja fis-Sittinijiet. Però bid-diskussjoni li kelli l-ġimgħa l-oħra mal-Fond Monetarju Internazzjonali f'Ruma, fejn kellna dik li nsejħulha l-laqgħa tal-kostitwenza, tqajjem dan l-argument u li se jkompli jiġi diskuss fil-laqgħat tal-G20 li se jsiru f'Baden-Baden, il-Ġermanja f'Marzu li ġej. Anke aħna fil-Presidenza tagħna tal-Kunsill tal-Affarijiet Finanzjarji u Monetarji tal-Unjoni Ewropea se nkomplu nitkellmu dwar dan l-ispazju fiskali u kif għandu jintuża.

Meta nisimgħu dwar l-argument tal-iżbilanċi ekonomiċi, għandna niftakru li jistgħu jiġu kkoreġuti sew min-naħa negattiva, kif ukoll jiġu kkoreġuti min-naħa pożittiva. L-istess għaż-żewġt ikfief tal-miżien li biex jibbilanċja, it-tnejn iridu jiċċaqalqu.

## Tradiment sovversiv?

Sur Editur,

Malli ħadu l-ħatra fi Brussell, l-Ewroparlamentari Nazzjonalisti mbarkaw fuq attakk kontinwu kontra l-Gvern Malti fil-Parlament Ewropew (PE). Għaddejjin kontinwament b'retorika anti-nazzjonali fost l-MEP's tal-Unjoni, u jaħtfu kemm-il okkażjoni jistgħu biex fil-PE jattakkaw lill-Gvern Malti b'allegazzjonijiet li qatt ma ssustanzjaw bi provi konkreti.

Matul l-istess perjodu kellna l-istess kantaliena ta' suspetti infondati mill-Kap tal-Oppożizzjoni fil-Parlament Malti u f'kull laqgħa politika tal-PN. Xbajna nisimgħuh jimmonta attakk wara l-ieħor ta' akkużi ta' korruzzjoni kontra ministri individwali u kontra l-gvern, li minnhom qatt ma ppreżenta ebda provi.

Dan l-attakk kordinat minn Malta u estiż sa Brussell, laħaq il-quċċata u għeb fl-akbar disfatta għall-PN fil-jiem tal-inawgurazzjoni prestiġjuża li ttrasferiet il-Prsidenza tal-Kunsill tal-Ewropa f'idejn il-Gvern Malta f'Jannar 2017.

F'żewġ okkażjonijiet fl-istess ġimgħa f'dak ix-xahar, l-MEP Casa kien imċanfar fl-PE għal dak it-tip ta' diskors partiġġjan u rrelevanti għall-aġenda Ewropea diskussa, filwaqt li l-kapo ġie umiljat mill-President tal-Kunsill tal-UE, għad-diskors li għamel barra minn loku fil-Parlament Malti fil-preżenza tal-ogħla uffiċjali Ewropej, f'jum l-inawgurazzjoni tal-Presidenza Maltija.

Tal-PN kienu dehru li wiċċhom qagħad fl-erba' snin li ilhom ma jistħux ifallu f'kulma jbassru politikament, u jmorru żmerċ f'kull attakk li mmuntaw kontra l-gvern. Imma dawk iż-żewġ ċanfriet minn ras il-għajn fl-iżjed postijiet ċentrali tal-mument, ħammrulhom wiċċhom u umiljawhom bilkbir.

L-umiljazzjoni kompliet tikber meta f'dan l-istess perjodu l-awtoritajiet tal-UE qegħdin jonoraw lill-Prim Ministru Malti u jistiednuh biex ikun il-president il-ġdid tal-Kunsill tal-UE, meta tintemm il-ħatra ta' Donald Tusk f'Mejju li ġej.

Minkejja li dik it-tattika anti-nazzjonali ġabitilhom il-kundanna tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Ewropa, u iżolathom mill-Grupp tal-Partiti Konservattivi sħabhom tal-PPE, xorta wara ċ-ċanfriet baqgħu jippersistu fl-istess direzzjoni fallaċi lokalment u anke fi Brussels.

Il-kapo baqa' jpaspar l-istejjer bla provi f'Malta, waqt li fi Brussels iddelegaw lid-deputat tal-Parlament Malti, Jason Azzopardi, li mar jitpastaż fil-Parlament Ewropew bir-retorika talakkużi infondati kontra l-gvern tagħna.

Hija verament ironika l-għażla li biex jitkellem fi Brussell fuq suspetti ta' korruzzjoni ntbagħat l-Onor. Azzopardi, li huwa l-MP Malti li l-iżjed għandu każi ta' korruzzjoni kontrih x'jirrispondi.

Imma ma jistħix għax l-Ewropej ma jafuhx, u rasu mistrieħa li l-MEP's Laburisti ma jikxfuhx biex ma jagħmlux ħsara lil Malta.

Daqstant huma tosti u arroganti u jbigħu ġieħhom għall-poter ċerti nies ta' mentalità sovversiva tal-PN.

Meta se ssir xi manifstazzjoni popolari konkreta kontra dan it-tip ta' tradiment sovversiv fin, li ma jagħmilx ħlief ħsara lil pajjiżna?

MICHAEL,
Birkirkara